# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **40** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **l-Erbgħa 29 ta' April 2009, fis-7.00p.m.**

| **Preżenti** | **Membri** |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sur Mario Calleja |
| **Il-Viċi Sindku** | Is-Sur Charlot Mifsud |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur John B.Camilleri<br>Is-Sinjura Josette Marsh |
| **Is-Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Joseph Caruana |
| **Assenti** | It-Tabib Josie Muscat<br>Is-Sur Frank Zammit |

## Aġenda

1. Jinqraw u jiġu kkunsidrati l-Minuti.
2. Wara konsiderazzjoni, biex jiġi approvat li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv jiffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.
3. Awtoriżazzjoni tal-Ħlasijiet.
4. Riżoluzzjonijiet u Mozzjonijiet.
5. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq iressaq quddiem il-Kunsill.
6. Attivitajiet f'ġieħ il-President ta' Malta.
7. Xogħolijiet oħra.

Mayor
**Mario Calleja**

Deputy Mayor
**Charlot Mifsud**

Councillors
**Josette Marsh**
**Dr. Josie Muscat**
**John Baptist Camilleri**
**Sandro Gatt**
**Frank Zammit**

Executive Secretary **Joseph Caruana**

**1.0** ***<u>Qari u approvazzjoni tal-Minuti:</u>***

1.1 **<u>Laqgħa Nru. 39 ta1-1 ta' April, 2009:</u>**

1.2 Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.3 Il-Kunsill qabel unanimament li f'paragrafu 7.3 il-kliem *'Energy Saving'* għandhom jinbidlu ma *'Solar Powered'*.

1.4 Il-Kunsilliera, s-Sinjura Josette Marsh staqsiet jekk l-attivita` li se ssir f'ġieħ il-President ta' Malta hix xi ħaġa li kull Kunsill se jgħamel. Hija ġibdet l-attenzjoni li r-riċeviment mhux msemmi fil-minuti tal-laqgħa numru 39 u ma taqbilx li kellu jsir riċeviment ieħor.

1.5 Is-Sindku, s-Sur Mario Calleja, rrisponda li din saret peress li hu kien avviċinat minn xi nies tal-lokal biex isir kunċert ad unur il-President, peress li hu residenti f' Marsaskala. Mal-Kunċert issemma ukoll li ssir *reception* wara l-Kunċert.

1.6 Il-Kunsill approva unanimament li fejn ikun hemm xi ħaġa fuq il-gazzetti li tikkonċerna l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala jew il-Kunsilliera ta' Marsaskala, dawn għandhom jiġu skenjati u mibgħuta b'e-mail lil kull Kunsillier.

1.7 Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

**2.0** **<u>Ħlasijiet :</u>**

2.1 **<u>Ħlasijiet b'urġenza :</u>**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet li tħallsu b'urġenza, għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

| | *PAGAMENTI* | *Contracts* | *Invoice Date* | *Inv No* | *€* |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | **Lourdes Service Station** | Fuel for Van | 23/4/09 | | 30.00 |
| 2. | **Segretarju Permanenti OPM** | Quot Advert 05/09 | 22/4/09 | | 25.00 |
| 3. | **Assoc. Kunsilli Lokali** | Laqgha ghas-Sindki u Vici Sindki | 21/04/09 | | 150.00 |
| 4. | **Mr.Ronald Briffa** | Rent for Garage/Stores | 14/4/09 | | 912.50 |
| 5. | **Mr.Stephen Carter** | Tyre Damage refund | 7/4/09 | | 196.00 |
| 6. | **Lourdes Service Station** | Fuel for Van | 7/4/09 | | 30.00 |
| 7. | **Mrs.Claire Attard** | Support Service Clerk | 30/4/09 | | 594.00 |
| 8. | **Ms.Chantel Zammit** | Support Service Clerk | 30/04/09 | | 1,017.90 |
| 9. | **Maltapost plc.** | 500 stamps | 29/4/09 | | 95.00 |

Il-Kunsill approva unanimament.

2.2 **Ħlasijiet bi kreditu:**

Ġiet preżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, biex jiġu approvati għall-pagament.

| | PAGAMENTI | Contracts | Invoice Date | Inv No | € |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | **Mr.W.Casingena** | Trip Fare-Qala Twinning | 28/03/09 | | 8.15 |
| 2. | **Fr.Victor Scicluna** | Trip Fare-Qala Twinning | 29/03/09 | | 15.70 |
| 3. | **Mr.Joe Bezzina** | Trip Fare-Qala Twinning | 29/03/09 | | 8.40 |
| 4. | **Mr.Joe Pavia** | Trip Fare-Qala Twinning | 28/03/09 | | 11.05 |
| 5. | **La Playa** | Food | | 003478 | 186.00 |
| 6. | **Med Design Associates** | Professional Fees | 13/04/09 | 30002245 | 497.33 |
| 7. | **Med Design Associates** | Professional Fees | 25/3/09 | 30002176 | 124.79 |
| 8. | **Med Design Associates** | Professional Fees | 29/01/08 | 30000362 | 1023.69 |
| 9. | **Med Design Associates** | Credit Note | 29/01/08 | 31000024 | (-855.28) |
| 10. | **Med Design Associates** | Professional Fees | 17/04/09 | 30002276 | 1,300.00 |
| 11. | **Kumitat Kongunt Kunsilli Lokali** | Local Wardens | 6/04/09 | JC 012/MSA | 4,623.57 |
| 12. | **Bitmac (Works)Ltd.** | Instant Road Repair | 9/4/09 | 11051 | 191.75 |
| 13. | **Oasis Ironmongery** | Consumables | 9/3/09 | 34473 | 421.29 |
| 14. | **Melita plc.** | Monthly Service | 31/3/09 | 26540600 | 15.52 |
| 15. | **Waste Serv Malta Ltd.** | Hire of Bins | 6/4/09 | 46717 | 296.59 |
| 16. | **Alfred Debono** | Material for Pageant | 13/4/09 | | 46.70 |
| 17. | **MITA** | Maintenance & Conectivity | 3/4/09 | SINO21453 | 477.58 |
| 18. | **MB Distribution Ltd.** | Cartridges | 7/4/09 | 280004 | 202.58 |
| 19. | **Advanced Telecom. Co Ltd.** | Photocopier Service | 1/4/09 | 152288 | 62.54 |
| 20. | **Advanced Telecom. Co Ltd.** | Photocopier Toner | 7/4/09 | 39601 | 245.44 |
| 21. | **Ronald Bezzina** | Bulky refuse | 31/3/09 | 30 | 827.60 |
| 22. | **Go plc.** | 21632861/21637171/ 21633887 | 5/4/09 | 21864539 | 235.79 |
| 23. | **Go plc.** | 21637744 | 5/3/09 | 21864541 | 26.40 |
| 24. | **Mobisle Comm. Ltd.** | Mobile Calls | 14/4/09 | RB127168-2009 | 472.64 |
| 25. | **Cleansing Services Dept.** | Public Conveniences | 2/4/09 | 30133 | 655.15 |
| 26. | **Golden Gate Co. Ltd.** | Stationery | 6/4/09 | 324775 | 21.24 |
| 27. | **Golden Gate Co. Ltd.** | Stationery | 15/04/09 | 325349 | 146.91 |
| 28. ◆ | **Nexos** | Street Lighting | 1/4/09 | 848 | 174.83 |
| 29. ◆ | **Nexos** | Street Lighting | 1/4/09 | 847 | 631.71 |
| 30. ◆ | **Nexos** | Street Lighting | 1/4/09 | 846 | 966.40 |
| 31. | **Nexos** | Good Friday services | 7/04/09 | 2008372 | 223.02 |
| 32. | **Mr.Anthony Portelli** | Rent of Premises May-July '09 | | | 2,445.84 |
| 33. ◆ | **Karmig Ltd.** | Pavement Works | 26/3/09 | | 4018.55 |
| 34. | **Grand Hotel** | Board Charge | 29/3/09 | 35681/04 | 48.00 |
| 35. | **Grand Hotel** | Board Charge | 29/3/09 | 35681/05 | 72.00 |
| 36. | **Grand Hotel** | Board Charge | 29/3/09 | 35681/07 | 93.60 |
| 37. | **Grand Hotel** | Board Charge | 29/3/09 | 35681/03 | 77.00 |
| 38. | **Grand Hotel** | Board Charge | 29/3/09 | 35681/01 | 93.60 |
| 39. | **Vodafone Malta Ltd.** | Mobile Calls | 1/4/09 | 1528992042009 | 23.97 |
| 40. | **Island Insurance Brokers** | Insurance | 26/3/09 | | 2,703.36 |
| 41. | **Alka Ceramics** | masks | 19/2/09 | 362 | 68.68 |
| 42. | **Midas** | Phone Cards | 20/04/09 | 714651 | 200.00 |
| 43. | **Tony Muscat** | 3 Banners | 17/04/09 | 32 | 350.00 |
| 44. | **IT & T Ltd.** | ADSL - Internet | 21/04/09 | 16509 | 27.48 |
| 45. | **Corinne Turner** | Pageant | 21/4/09 | | 30.00 |
| 46. | **Mr.John B.Camilleri** | Fuel & Gozo Channel Expenses | | March '09 | 78.52 |

| | PAGAMENTI | Contracts | Invoice Date | Inv No | € |
|---|---|---|---|---|---|
| 47. | **Water Services Corporation** | Playing Field | 9/4/09 | 10891533-0 | 571.83 |
| 48. | **Water Services Corporation** | Public Toilet at Zonqor Point | 9/4/09 | 10890802-4 | 160.64 |
| 49. | **Water Services Corporation** | Public Garden – Salvia Str. | 9/4/09 | 10891588-5 | 164.38 |
| 50. | **Water Services Corporation** | Public Garden – Salvia Str. | 9/4/09 | 10891587-7 | 215.33 |
| 51. | **Water Services Corporation** | Fountain Water Pump | 9/4/09 | 10891632-8 | 515.86 |
| 52. | **Wise Owl Publications** | Books for Library | 16/4/09 | 220 | 80.00 |
| 53. | **Stainless Structures** | Stainless Steel Cross | 16/4/09 | 41 | 460.20 |
| 54. | **Stainless Structures** | Iron Stands for flags | 16/4/09 | 42 | 412.41 |
| 55. | **Stainless Structures** | Repairs & door | 16/4/09 | 43 | 849.60 |
| 56. | **Adrian Sciberras ACCA** | Accounting Works | 13/4/09 | AS15-2009 | 345.92 |
| 57. | **Saliba Bros. Ltd.** | Road Material | 30/3/09 | 8756 | 665.86 |
| 58. | **Police Dept.** | Police Duty | 8/4/09 | 21613 | 38.26 |
| 59. | **Mr.Walter Micallef** | Twinning Qala Expenses | 17/4/09 | | 110.35 |
| 60. | **Toni's Wine & Spirit** | Drinks for Qala Activity | 24/4/09 | 1020015 | 244.67 |
| 61. | **Toni's Wine & Spirit** | Drinks for Qala Activity | 24/4/09 | 60156312 | 156.56 |
| 62. | **Toni's Wine & Spirit** | Soft Drinks | 24/4/09 | 1020014 | 54.11 |
| 63. | **Toni's Wine & Spirit** | Drinks for Qala Activity | 24/4/09 | 1020019 | 457.81 |
| 64. | **Toni's Wine & Spirit** | Credit Note | 28/4/09 | 1020053 | -(140.30) |
| 65. | **Grabiel Restaurant** | Gemellagg Qala | 25/4/09 | 7294 | 1,171.60 |
| 66. | **Mrs.Alfrida Veneto** | Flowers for Gemellagg Qala | 24/4/09 | 3395678 | 37.00 |
| 67. ◆ | **Karmig** | Pavement Works | 27/4/09 | 25100-01-22 | 4,016.81 |
| 68. | **Image Systems Ltd.** | Photocopier service calls | 31/03/09 | 31875 | 86.82 |
| 69. | **Mr.Joseph Caruana** | Fuel expenses | April '09 | | 37.80 |
| 70. | **Mr.Mario Calleja** | Fuel Expenses | March/ April '09 | | 128.05 |
| 71. | **Med Design Associates** | Professional Fees | 27/04/09 | 30002316 | 124.73 |
| 72. ◆ | **Transline Co. Ltd** | Waste Collection | 27/4/09 | 3003 | 7,302.59 |
| 73. | **Mr.Sandro Gatt** | Qala Expenses | 28/3/09 | | 10.95 |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

Il-Kunsill unanimament approva l-pagament tal-kontijiet kollha t'hawn fuq.

- **Il-Kunsill approva unanimament li titfassal it-Tender tal-bini tal-Kunsill u li tiġi publikata fil-gazzetti ta' Malta.**

## 3.0 Riżoluzzjonijiet u Mozzjonijiet:

### 3.1 Mozzjoni mressqa mis-Sindku - is-Sur Mario Calleja (#500-7/04/09):

*" Jipproponi sabiex jitneħħew 3 arbli li kien marbut magħhom il-fustun fi Triq iż-Żonqor peress illi ma jgħaddix wheelchair kif ukoll huma ta` periklu għall-pubbliku."*

Il-Kunsill approva unanimament.

3.2 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku - is-Sur Mario Calleja (#501-15/04/09):</u>**

*" Jipproponi sabiex issir xi tip ta' sigurta` mad-dar tal-'bins' forma ta' annimali li hemm ġewwa l-bandli ta' Pjazza Mifsud Bonniċi. Dawn id-darin qedgħdin ta' kuljum jinqgħalu mit-tfal li jkunu qed jilgħabu f'dik l-akwata u jitħallew jiġru f'nofs il-bandli."*

Il-Kunsill approva unanimament.

3.3 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku - is-Sur Charlot Mifsud (#502-15/04/09):</u>**

*" Biex jitwalu s-sinjali sofor li hemm fil-kantuniera tac-"Charian Residence", b'żewġ metri peress li qed ikun hemm spazju li tipparkja karozza. Dawn l-anzjani jkollhom bżonn ta' ambulanza u jużaw il-wheelchairs u b'karozza pparkjata quddiem il-bieb ma jkunux jistgħu."*

Ġie approvat li tiġi rtirata peress li x-xogħol sar.

3.4 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku - is-Sur Mario Calleja (#503-16/04/09):</u>**

*" Wara l-inkwiet li nqala mar-residenti ta` Triq San Nikola meta ingħata permess għal Tower Crane mis-Segretarju Eżekuttiv, mingħajr biss ma aċċeda fuq il-post u studja l-inkonvenjent tar-residenti tal-akwata, nipproponi li qabel ma` jinħarġu permessi ta` din ix-xorta, għandu jiltaqa` l-Kunsill biex jiddiskuti kif għandu joħroġ il-permess bl-inqas inkonvenjent possibbli għar-residenti."*

<u>EMENDA</u> : *" Wara l-inkwiet li nqala mar-residenti ta` Triq San Nikola meta ingħata permess għal Tower Crane mis-Segretarju Eżekuttiv, mingħajr biss ma aċċeda fuq il-post u studja l-inkonvenjent tar-residenti tal-akwata, nipproponi li qabel ma` jinħarġu permessi ta` din ix-xorta, għandu jiltaqa` l-Kunsill biex jiddiskuti kif għandu joħroġ il-permess bl-inqas inkonvenjent possibbli għar-residenti. 'Permessi ta' din ix-xorta', tfisser meta jkun hemm involut kostruzzjoni ta' platform għall-Tower Crane."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata hekk kif emendata.

3.5 **<u>Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri(#504-17/04/09):</u>**

" Nipproponi li nagħmlu 'parking bays' fi Triq id-Dugħ. Fejn hemm garaxx li jintuża jiġu kaxxi sofor flok bojod."

<u>EMENDA</u> : " Nipproponi li nagħmlu 'parking lines' fi Triq id-Dugħ. Fejn hemm garaxx li jintuża jiġu kaxxi sofor flok bojod."

Din il-mozzjoni ġiet approvata hekk kif emendata.

3.6 **<u>Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur Sandro Gatt (#505-17/04/09):</u>**

*"Jipproponi sabiex isiru parking bases fi Triq il-Kavetti, Marsaskala ".*

<u>EMENDA</u> : "*Jipproponi sabiex isiru parking lines fi Triq il-Kavetti, Marsaskala."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata hekk kif emendata.

3.7 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Sandro Gatt(#506-20/04/09):**

*"Jipproponi sabiex jsiru sleeping policeman fi Triq La Sengle qabel il-Mużew biex inaqqas il-periklu mill-karozzi li jduru għal imsemmija triq."*

Il-Kunsill approva unanimament.

3.8 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Sandro Gatt(#507-20/04/09):**

"Jipproponi sabiex isiru zebra crossing bil-lights quddiem Phoebe stationery
Triq Sant'Antnin ."

Il-Kunsill approva unanimament li niktbu l-ADT biex jikkunsidrawha issa kif qed isir ix-xogħol tar-*resurfacing.*

3.9 **Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri(#508-23/04/09):**

" *Nipproponi li fi Triq l-Għassies quddiem dar JASMINE nagħmlu 'parking space' għal- mutur, din m' hi ħa tnaqqas l-ebda 'parking space' u ħa tikkomoda lil min għandu mutur."*

Il-Kunsill approva unanimament.

3.10 **Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri(#509-23/04/09):**

*" Nipproponi li l-kuntrattur li jiġbor l-iskart mill- 1 ta' Mejju li ġej kif għamilna
dawn l-aħħar snin jibda jagħmel żewġ rondi għal-ġbir ta' l-iskart."*

EMENDA : *" Nipproponi li l-kuntrattur li jiġbor l-iskart mis-16 ta' Mejju, s-Sibtijiet u l-Ħdud biss u jibda kuljum skond kif stipulat fil-kuntratt, kif għamilna dawn l-aħħar snin, jibda jagħmel żewġ rondi għal-ġbir ta' l-iskart."*

Din il-mozzjoni ġiet approvata hekk kif emendata.

3.11 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku - is-Sur Mario Calleja(#510-24/04/09):**

*" Jipproponi sabiex titranġa bankina quddiem il-Promenade takeaway,Triq is-Salini għax qeda ta' periklu għar-residenti."*

Approvata unanimament li ssir wara l-manutenzjoni ta' Triq La Sengle.

3.12 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku - is-Sur Mario Calleja (#511-24/04/09):**

*" Jipproponi sabiex titranġa bankina quddiem Sandra Beauty shop Triq is-Salini."*

Approvata unanimament li ssir wara l-manutenzjoni ta' Triq La Sengle.

3.13 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Sandro Gatt (#512-24/04/09):**

*"Jipproponi sabiex isir cutting tat-tarmac quddiem residenza 'Angeliqu'e Triq il-Qrempuċ, Marsaskala għaliex iżżomm ħafna ilma tax-xita ."*

Approvata unanimament li nqabbdu l-Perit tal-Kunsill biex tiġi nkluża mal-patching u jelimina l-għadira.

3.14 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur Sandro Gatt (#513-27/04/09):</u>**

"Jipproponi sabiex Triq Ġebel Ħanxul issir 'One way'tinżel biss, ir-residenti tat-triq kollha urew li jixtiequ hekk ."

Approvata unanimament li nerġgħu niktbu lil ADT u nibgħatulhom *site plan* bil-*flow* tat-*traffic.*

- **Il-Kunsill approva unanimament li niktbu ittra lil ADT fejn ninfurmawhom li l-owners tal-art li qegħdha timblokka l-aċċess ta' Triq l-Iskal lesti jċedu l-art biex tinfetaħ it-Triq għall-użu tal-pubbliku.**

- **Il-laqgħa ġiet sospiża għall-break għall- 20 minuta.**

**4.0 <u>Korrispondenza</u>**

4.1 **<u>Natura 2000- Il-Magħluq</u>**

Il-MEPA infurmatna li se jagħmlu board fil-Magħluq, biex jinfurmaw lill-Pubbliku li l-Magħluq huwa sit protett. Hija talbet permess tal-Kunsill biex tintuża l-arma tal-Kunsill Lokali Marsaskala fuq il-Board.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dwar dan.

4.2 **<u>Żagħżugħ/a tas-sena 2009 (35/1312/09)</u>**

Il-Fondazzjoni OASI stiednet lill-Kunsill Lokali Marsaskala biex jipproponi kandidati żgħażagħ fil-volontarjat.

Il-Kunsill approva unanimament li nipproponu lill-Francelle u Stephany kif ukoll lil Christian u Robert Axisa li d-dettalji tagħhom għandhom jingħataw mis-Sinjura Carmen Faerne. (Tel: 99453824).

4.3 **<u>Korsijiet tal-komputers speċjalizzati għat-tfal (35/1190/09)</u>**

It-TCTC offra opportunita biex isiru korsijiet speċjalizzati għat-tfal fl-uffiċini tal-Kunsilli Lokali. Wara li l-Kunsill eżamina l-materjal offrut, approva unanimament li noħorġu kwotazzjonijiet għall-korsijiet simili għat-tfal tal-primarja permezz tal-użu tat-teknoloġija.

5.0 **<u>Programm tal-attivitajiet f'ġieħ il-President tar-Repubblika</u>**

Il-Kunsill diġa kien approva li jsir kunċert mużiko-letterarju f'ġieħ il-President il-ġdid ta' Malta, Dr.George Abela, fejn wara għandu jsir riċeviment għall-200 persuna. Il-Kunsill eżamina l-kwotazzjonijiet mitfugħa għar-riċeviment għall-300 persuna fejn l-aktar żewġ offerti vantaġġużi kienu ta' James Caterers u Baron Confectionery. Peress li dawn kienu qrib ħafna l-Kunsill approva li nitolbuhom jirrevedu l-kwotazzjonijiet tagħom u jgħidulna kemm iqum ir-riċeviment għall-200 persuna.

**6.0 <u>Xogħolijiet oħra.</u>**

6.1 **<u>Office Cleaner</u>**

Peress li ntefet kwotazzjoni waħda minn Maria Agius għal Office Cleaner u wara li ġie kkunsidrat li l-prezz kien raġonevoli, l-Kunsill approva li nqabbdu lis-Sinjura Agius biex tnaddaf l-uffiċini tal-Kunsill, darbtejn fil-ġimgħa bħal qabel.



**<u>Pulizija tal-Lokal</u>**

6.2

Ġie notat li meta tkun ix-xita ma jkunx hemm Pulizija waqt id-dħul u l-ħruġ tal-istudenti tal-Iskola Primarja tal-lokal.

Għaldaqstant il-Kunsill approva li niġbdu l-attenzjoni tal-Pulizija permezz ta' ittra biex meta tkun ix-xita jkun hemm Pulizija preżenti biex jmexxi t-traffiku waqt l-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tal-istudenti.

6.3 **<u>Ġemellaġġ tal-Qala</u>**

Il-Kunsillier, is-Sur Sandro Gatt qal li dan l-aħħar ġie ikkuntatjat mis-Sindku tal-Qala, s-Sur Paul Buttigieg u qallu li għan-nom tiegħu u l-Kunsilliera kollha, inkluż is-Segretarja Eżekuttiva jixtiequ jirringrazzjaw lill-Kunsill kollu ta' Marsaskala tal-akkoljanza li tawhom waqt il-ġemellaġġ uffiċċjali li sar f'Malta.

Għaldaqstant huwa ħeġġeġ lill-Kunsill ta' Marsaskala biex dan il-ġemellaġġ ma jieqafx hawn u jsiru aktar laqgħat biex jiġu diskussi attivitajiet futuri għal benefiċċju tar-residenti taż-żewġ lokalitajiet.

6.4 **<u>Żjara f'Altea Spanja</u>**

Il-Kunsill reġa` ikkonferma li s-Sindku, s-Sur Mario Calleja, is-Sinjura Josette Marsh u s-Segretarju Eżekuttiv iżuru Altea biex ikunu preżenti għall-laqgħa ġenerali tad-Douzelage u jiġi ffirmat l-ftehim ta' Assoċċjazzjoni kif diġa approvat f'laqgħa tal-Kunsill ta' qabel. Il-Kunsill approva biex waqt din iż-żjara il-lokalitajiet tal-Mediterran jiġu avviċinati biex jissieħbu magħna fil-ġemellaġġ li għandu jsir ma lokalita mit-Tuneżija biex inkunu nistgħu niksbu fondi mill-Ewropa.

*Fl-10.40 pm. Il-laqgħa ġiet dikjarata magħluqa.*

| | |
|---|---|
| ***Joseph Caruana*** | ***Mario Calleja*** |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |